**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: 310/2022MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Tania Zerafa (249867M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2022[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuta tħallas is-somma ta' elf, sitt mija, ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżimu (€1,625.57) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11060929 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta; bl-ispejjeż mid-data tal-fattura, u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret għas-seduti tat-22 ta' Ġunju, 2023,[2] tas-26 ta' Settembru, 2023,[3] u tad-9 ta' Novembru, 2023[4].

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 28 tal-proċess.
[3] *A fol* 32 tal-proċess.
[4] *A fol* 33 tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2023[5] u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2023.[6]

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono[7] u x-xhieda tal-PL Petra Licari li kkonfermat li l-ammont ta' elf, sitt mija, ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżimu (€1,625.57) għadu dovut u ilu dovut mill-1 ta' Awissu, 2020.[8]

Ra li l-kawza tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviż li jindika l-bilanċ dovut għal-servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11060929 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono, u mix-xhieda tal-PL Petra Licari t-tnejn in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenuta tħallas is-somma ta' elf, sitt mija, ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżimu (€1,625.57) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11060929 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta, bl-imgħax dekorribbli mil-1 ta' Awissu, 2020[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[5] *A fol* 34 tal-proċess.
[6] *A fol* 35 tal-proċess.
[7] *A fol* 5 tal-proċess.
[8] *A fol* 35 tal-proċess, xhieda datata 14 ta' Novembru, 2023.
[9] Data skont il-fattura annessa mat-talba, *a fol* 4 tal-proċess u mix-xhieda tal-PL Petra Licari, *a fol* 35 tal-proċess.